MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2234/2002

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance Plc,
surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Pace
u
l-istess John Pace u b'nota tat-13 ta' Mejju, 2004 Elmo Insurance Limited assumiet l-atti**

**Vs**

**Alessandro Borg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm709.47c (seba' mija u disa' liri Maltin u sebgha w erbghin centezmu) rapprezentanti danni wara ncident tat-traffiku kif imsemmi fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li l-incident qatt ma sehh bejn il-vettura misjuqa minnu u dik ta' l-attur John Pace u illi se mai li kieku s-sewwieq tal-karozza ta' l-attur kien qed isuq bi prudenza ma kellu ghalfejn jahbat ma' xejn.

Ra r-Road Accident Report u l-iskizz. Pace qal li kien ghaddej minn The Strand dritt lejn Ta' Xbiex Sea Front u l-vettura tal-konvenut IAT 151 daret min-naha tal-lemin tieghu u baqghet hierga. Jghid ukoll li hu prova jevita izda baqa' diehel gol-vettura CAB 182 li kien ipparkjat. Alfred Xuereb bil-vettura numru CAB 182 jikkonferma li kien ipparkjat.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra s-seduta datata 2 ta' Gunju, 2003 li fiha xehed PS 1102 Robert Everest fejn jikkonferma li qalu fir-Road Accident Report. Barra minn hekk ighid ukoll li wara l-incident Alessandro Borg baqa' sejjer ghaliex hu ma kienx involut f'din il-kollizjoni. Il-konvenut kien qallu li ma rahx l-incident izda sema' *brake* qawwi. Jghid ukoll li l-konvenut ikkonferma li hareg minn fejn l-A1 Bar fejn hemm *give way* sign izda l-istess konvenut qallu li l-vettura l-ohra kienet ghadha 'l boghod hafna u ghalhekk hu kellu cans johrog.

Ra l-istess seduta li fiha xehed ukoll Gordon Pace fejn qal li meta wasal qrib l-A1 Bar, il-konvenut hareg mil-lemin tieghu, gie quddiemu u ghalaqlu t-triq. Ighid li ghalhekk saret il-habta. Pace jghid li wara l-kollizjoni hu rriversja, saq wara l-konvenut biex jiehu n-numru tal-vettura u baqa' sejjer l-ghassa ta' l-Imsida. Jghid li qabel l-incident ma kienx qed ihares fid-direzzjoni ta' Testaferrata Street u ghalhekk ma rahx lil Borg. Ikompli jghid li rah ezatt qabel l-incident ghalhekk kien hemm dawk il-*brake marks*.

Ra s-seduta datata 16 ta' Frar, 2004 li fiha xehed Reuben Cassar, prodott mis-socjeta' attrici, fejn ighid li dakinhar ta' l-incident kien ma' Gordon Pace. Cassar jikkonferma li qal Gordon Pace.

Ra s-seduta datata 29 t'April, 2004 li fiha xehed Alessandro Borg fejn qal li kien isuq bil-mod u malli wasal fejn l-A1 Bar hu sslowja. Ra li l-vetturi li kienu gejjin mid-direzzjoni tas-Sliema kienu ghadhom 'il boghod. Jikkonferma li sema' hoss ta' habta izda kompla sejjer. Ighid ukoll li meta qabez il-gnien tal-Gzira, giet karozza minn warajh u bdiet idoqq il-horn biex jieqaf izda beza' minhabba li kien mat-tfajla biss. Jikkonferma li meta wasal id-dar cemplulu l-ghassa ta' l-Imsida u nizel ma' missieru fejn ighid li l-vettura li giet tigri warajh ma kienetx hemm. Ighid ukoll li ma rahx hsara fil-vettura li giet tigri warajh.

Illi m'hemmx dubju li l-konvenut kellu l-obbligu li jara l-karozzi minn fejn gie l-attur u kellu johrog biss meta jara li jista' jaghmel hekk minghajr ma jostakola dawk il-vetturi. Fil-fatt jirrizulta li l-konvenut ra l-vettura ta' l-attur u ha decizjoni li seta' johrog. L-attur ighid li l-konvenut ghalaqlu t-triq u ghalhekk hu ghafas il-*brake* u baqa' sejjer gol-karozza pparkjata. L-attur jissottometti li hemm diversi sentenzi li jghidu li "in the agony of the collision" wiehed ma jistax jippretendi wisq mid-driver li ma kellux tort ghall-incident. Il-konvenut jissottometti li fil-fatt ma kienx hemm habta u dan juri li l-konvenut seta' johrog u li l-habta saret ghaliex l-attur naqas li jzomm il-vettura tieghu taht il-kontroll necessarju u naqas li jzomm *a proper lookout*.

Meta xehed l-attur qal li l-konvenut hariglu, gie quddiemu u ghalaqlu t-triq. Hu gibed l-*isteering* fuq il-lemin u ghafas il-*brake* u skidja ghal got-Transit ipparkjat. Il-*brake marks* kif jidhru fl-iskizz jibdew distanza mhux hazin mill-inkrocju. Minn dan jirrizulta li l-attur naqas fis-sewqan tieghu.

Fil-kawza Mallia Vs Azzopardi (PA 27/2/1990) intqal:

"Fil-kollizjonijiet dak li huwa mportanti biex tigi stabbilita' r-responsabilita' ghad-danni huma l-fatturi rilevanti u determinanti ghall-habta u mhux id-diversi mperfezzjonijiet fir-regolamenti tas-sewqan da parti tas-sewwieqa li ma jkollhom ebda ncidenza fuq id-determinazzjoni tal-htija."

Fil-kawza Debono Vs Camilleri (Appell 23/3/1962) gie ddikjarat:

"Hu l-obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan skond il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art u rapporti ohra kontingenti w anke dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah a reasonable careful lookout, liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragunevolment vizibbli……Jekk id-driver jonqos milli josserva dawn iz-zewg regoli ta' prudenza u jigi f'kollizjoni ma' vettura ohra, huwa jkun hati ta' negligenza kontributorja, jekk il-vettura l-ohra wkoll kienet negligenti u ma jistax jinvoka l-ezoneru tas-sudden emergency, ghax huwa kien f'negligenza antecedenti, u din tkun li gabet l-istat tal-emergenza."

Illi fil-kawza Micallef Vs Spiteri (Appell 27/4/2001) il-konvenut (f'dik il-kawza) kien qieghed jaghmel manuvra li kienet tinvolvi qasma ta' *traffic flow* izda xorta l-attur gie retenut responsabbli ghall-incident ghaliex kien l-attur li pprecipita u finalment kien il-kagun prossimu w uniku tal-habta billi kien qed isuq b'mod eccessiv liema speed irrendieh f'sitwazzjoni tali li ma jkollux aktar kontroll komplet fuq il-vettura tieghu.  Ara wkoll Fogg Vs Zahra (28/6/2002 Appell).

Illi l-partijiet f'din il-kawza sostanzjalment jaqblu dwar il-fatti.  Fid-dawl tax-xhieda u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet legali jidher li z-zewg sewwieqa ghandhom jigu ddikjarati ugwalment responsabbli ghall-incident.   Il-konvenut ghaliex ghalkemm ra l-vettura gejja fuq il-*main road* xorta hareg u l-attur ghaliex ma kienx qed jara dak li hu ragunevolment vizibbli u ma kienx qed izomm il-vettura tieghu taht il-kontroll necessarju.

Gew esebiti l-ircevuti u jidhru ragunevoli.

Ghaldaqstant jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm354.74c (tlett mija w erbgha u hamsin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu) bl-

imghax mid-data tas-sentenza.  L-ispejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------